**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' April, 2018**

**Avviz Numru: 92/2003 MLF**

**Richard u Rita konjugi Ciappara**

**vs**

**Carmel Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz fejn l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn lira Maltin (LM 2000) rapprezentanti somma flus mislufa mill-atturi lill-konvenut bhal ma sejjer jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' dina l-kawza. Bl-ispejjes u l-imghaxijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut li eccepixxa illi:-

1. It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi l-eccipjent huwa kreditur tal-atturi f'somom superjuri ghas-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2000) reklamata mill-istess atturi, u ghaldaqstant, l-obbligazzjoni tal-eccipjent versu l-atturi giet estinta bit-tpacija 'ipso iure' skond il-ligi.

2. L-eccipjenti qed jipprevalixxi ruhu minn din il-procedura sabiex iressaq 'il quddiem il-kontro-talbiet tieghu kontra l-atturi.

Rat il-kontro-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant Carmel Micallef fejn ippremetta s-segwenti:-

1. Illi l-esponenti rikonvenzjonant huwa kreditur tal-atturi rikonvenzjonati fis-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000) rapprezentanti l-prezz patwit illi kellhom ihallsu l-atturi rikonvenzjonanti versu l-partecipazzjoni taghhom fin-negozju tal-esponent rikonvenzjonant, u ghaldaqstant, bit-tpacija mas-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2000) mislufa mill-atturi rikonvenzjonati lill-esponent rikonvenzjonant, l-esponent rikonvenzjonant huwa kreditur tal-atturi rikonvenzjonanti fis-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2000).

2. Illi di piu' l-esponent rikonvenzjonant kien silef lill-atturi rikonvenzjonati diversi somom ta' flus fosthom is-somma ta' disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm950) u somma ohra komplessiva ta' elf tlett mija u hamsa u disghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm1,395,90) u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi ghaldaqstant, l-atturi rikonvenzjonati huma debituri tal-esponent rikonvenzjonant fis-somma komplessiva ta' erbat elef, tliet mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm4,345.90) filwaqt illi l-esponent rikonvenzjonant m'ghandux jaghti xejn lill-atturi rikonvenzjonati.

4. Illi l-esponent rikonvenzjonant ghandu jinterpella lill-atturi rikonvenzjonati diversi drabi ghall-hlas ta' dawk is-somom ta' flus lilu dovuti, izda l-atturi rikonvenzjonati baqghu dejjem inadempjenti.

Rat li l-konvenut rikonvenzjonant talab lill-atturi jghidu ghaliex:-

(i) Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-atturi rikonvenzjonati huma debituri tal-konvenut rikonvenzjonant fis-somma ta’ erbat elef, tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm4,345.90) kif fuq espost;

(ii) Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut rikonvenzjonant m'ghandu jaghti ebda hlasijiet lill-atturi rikonvenzjonati li taghhom mhuwiex debitur;

(iii) Tiddikjara lill-atturi rikonvenzjonati sabiex ihallsu lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' erbat elef, tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm4,345.90) minnhom lilu dovuta kif fuq espost;

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-atturi rikonvenzjonati.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati fejn eccepew:-

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-ammont ta' erbat elef lira Maltija (Lm4000) pretiz mill-konvenut mhuwiex dovut mill-eccipjenti u ghalhekk ma tista' ssir ebda tpacija kif qed jippretendi l-konvenut.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti qatt ma sselfu flus mill-konvenut fl-ammont pretiz minnu.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenut Carmel Micallef fejn eccepixxa ukoll illi t-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors tal-perjodu ta' hames snin a tenur tal-Artikolu 2156 (e) tal-Kodici Civili.

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti fejn laqghet it-talba tal-atturi li jeccepixxu ulterjorment li l-kontro-talba tal-konvenut hija preskritta ai termini tal-Artikoli 2156 (e) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-konvenut li biha rrinunzja u rtira l-eccezzjoni tat-tpacija, filwaqt li zamm ferm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif dedotta fin-nota tal-eccezzjonjiet tieghu.

**Il-Fatti**

Il-versjonijiet tal-kontendenti dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma totalment divergenti, u ghalhekk din il-Qorti se tissintetizza l-versjoni ta' kull parti:

1. Il-konvenut, ziju tar-rispett tal-atturi, kien jiggestixxi hanut ta' stationery li kien jismu "Melway," ir-Rabat. Peress li l-konvenut u martu ma kellhomx tfal, kienu jittrattaw lill-atturi qishom uliedhom u fil-fatt l-atturi kienu ghamlu xi erba' snin jghixu maghhom. [1]

2. L-attrici bdiet tahdem fil-hanut tal-konvenut bil-paga ta' Lm15 fil-gimgha. Xi zmien wara kienet mietet mart il-konvenut u l-konvenut ried jaghlaq il-hanut, izda fuq insistenza tal-attrici kienu iffurmaw socjeta kummercjali bl-isem Melway Ltd, shab flimkien sabiex jifthu supermarket flimkien. Skond l-attrici kienu damu shab bejn is-snin 1995 sal-2001. Il-konvenut jghid li l-attrici kienet hadet hsieb kollox hi, ghax kienet marret tkellem lil certu Benny Camilleri sabiex jikru il-post minghandu gebel u saqaf fi Vjal il-Haddiem, Rabat u mbaghad kellu jaghmel ix-xogholijiet hu sabiex dan il-post jintuza bhala supermarket.[2]

3. Hemm verzjonijiet kontrastanti bejn il-partijiet dwar il-mod kif twaqqfet is-socjeta' Melway Limited. L-attrici tghid li biex twaqqfet il-kumpanija hija u l-konvenut kienu hargu Lm500 kull wiehed ghall-ishma, izda ma kinitx harget aktar flus, tghid ukoll li kienu hadu loan f'isem il-kumpanija, fl-ammont ta' Lm10,000, kif ukoll kienu ghamlu "overdraft" fl-ammont ta' Lm23,000.[3] Il-konvenut jinnega li l-attrici kienet harget Lm500 bhala sehemha mill-ishma, anzi l-konvenut jinsisti li minkejja li kienu azzjonisti f'sehem indaqs, l-attrici kienet harget biss Lm80.[4]

4. Il-konvenut jinsisti li peress li kien ghamel hafna xogholijiet fejn irrigwarda t-twaqqif tas-supermarket, kif ukoll kellu ukoll l-istock u goodwill tal-hanut tal-istationery, kien ftiehem mal-atturi li biex isiru shab mieghu fin-negozju, kellhom ihallsuh is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000).[5] Min-naha l-ohra, l-attrici tichad din l-allegazzjoni, u tghid li l-flus sabiex jittranga l-post kienu hargu mil-loan, u mhux hallas ghalihom il-konvenut.[6]

5. L-attrici tghid li hi kienet tahdem fis-self service supermarket mit-8.00 am sas-1.00 pm u kienet tiehu paga ta' Lm55 fil-gimgha, izda mis-sena 1997 ma baqqghetx tiehu

[1] Ara xhieda a fol. 34 tal-process.
[2] Ara xhieda a fol.34 tal-process.
[3] Ara xhieda a fol.17 tal-process.
[4] Ara xhieda a fol.34 tal-process.
[5] Ara x-xhieda a fol. 34 tal-process.
[6] Ara xhieda a fol.99 tal-process.

paga, ghaliex in-negozju ma kienx sejjer tajjeb. Il-konvenut kien imur fil-hanut wara nofsinhar.[7]

6. Il-konvenut isemmi ukoll li meta ried jitlaq mill-hanut ta' stationery biex iwillih, kien talab rigal fis-somma ta' Lm10,000 ghall-goodwill tal-hanut, ghall-istock u ghall-attrezzatura, ghaliex kienet intefqet dina s-somma fin-negozju tas-supermarket mill-attrici, li kienet tiehu hsieb il-finanzi tal-hanut.[8] Fi ftit zmien kien akkumula d-dejn u l-attrici kienet irrizenjat minn direttrici tal-kumpanija u halliet id-dejn kollu ma' wicc il-konvenut.

7. Skond il-konvenut, is-socjeta Melway Limited li kienet tiggestixxi kemm l-istationery, kif ukoll is-supermarket, spiccat f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja minhabba li l-attrici u zewgha kienu jiehdu xirjiet kbar mis-supermarket bla ma jhallsu, kif ukoll kien isib il-flus nieqsa mill-cash fuq bazi regolari, ghaliex l-attrici kienet izommhom ghaliha. Lanqas ma kienet thallas is-suppliers bil-flus li kien ihallilha.[9] Il-konvenut jispjega illi l-attrici kienet izomm *diaries* fejn kienet tnizzel dak li kienet thallas lis-suppliers.[10]

8. L-attrici tghid li kienet sellfet lill-konvenut is-somma ta' Lm2000 sabiex jixtri karozza Opel u a bazi ta' dan il-ftehim kienu ffirmaw skrittura privata bejniethom fl-1 ta' Novembru, 1995.[11] L-attrici tghid li l-konvenut kellu xi flus marbutin f'kont fiss il-bank, u selfitu dawn il-flus biex ma jitlifx l-imghax biex jiftah dan il-kont. Il-konvenut da parti tieghu jinsisti li ma kellux fil-pussess tieghu l-original ta' dina l-iskrittura, kif tallega l-attrici, izda jinsisti li din l-iskrittura kienet inkitbet mill-attrici, meta kienet taf li ma tantx kien jaf jaqra, izda din l-iskrittura kienet saret bl-intendiment li kienu qed ihallsu Lm2000 mill-Lm4000 li kienu dovuti lilu, somma rapprezentanti l-valur ta' sehem l-atturi fin-negozju tal-istationery mal-konvenut.[12] Madanakollu, il-konvenut ma jichadx li bl-istess flus kien xtara vettura Opel, izda jinsisti li l-flus thallsu mhux bhala self, izda bhala hlas akkont tal-kreditu dovut lilu.[13]

[7] Ara xhieda a fol.99 tal-process.
[8] Ara xhieda a fol.35 tal-process.
[9] Ara xhieda a fol., 35 tal-process.
[10] Ara xhieda a fol.53 tal-process.
[11] Ara xhieda a fol. 18 tal-process, kif ukoll dokument esebit a fol.20 tal-process.
[12] Ara xhieda a fol. 36 tal-process.
[13] Ara xhieda a fol.36 tal-process.

9. Jidher li l-uniku fatt li mhux kontestat hu li l-atturi sselfu s-somma ta’ Lm460 minghand il-konvenut sabiex jixtru magna gdida ghall-karozza.[14]
10. Il-partijiet jaqblu ukoll illi kienu hadu self u *overdraft* minn bank sabiex jiggestixxu n-negozju taghhom, pero dan is-self ma jiffurmax il-mertu tal-proceduri odjerni.
11. Il-konvenut jghid li l-atturi kellhom ihallsuh ukoll l-ammont ta’ Lm950 li kien sellifhom u l-pagament kien sar permezz ta’ cekk tal-imghax fuq kont li kellu f’bank Awstraljan, li kien iggira fuq l-attrici.[15] Il-konvenut ma jispjegax ghaliex kien iggira dan ic-cekk fuq l-attrici.
12. Inoltre, l-konvenut jghid li l-atturi ghandhom ituh is-somma ta’ Lm1395.90 u dan rapprezentanti self ta’ diversi somom li hu sellef lill-attrici bejn Awwissu u Ottubru 1999, li ma kellhomx x’jaqsmu man-negozju.[16] Skond il-konvenut, dan l-ammont flimkien mal-Lm2000 u l-ammont ta’ Lm950 fuq imsemmija, jammontaw ghas-somma ta’ Lm4,395.90,[17][18] li hu jallega li l-atturi ghandhom ituh.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

*L-Eccezzjonijiet Preliminari tal-Preskrizzjoni*

Meta dawn il-proceduri kienu lahqu stadju matur hafna, il-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili u l-atturi rikonvenzjonati eccepew ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2156(e) u (f) tal-Kodici Civili ghall-kontro-talbiet tal-konvenut.

Dawn huma maghrufin bhala l-preskrizzjonijiet qosra. *“Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-artikolu 2143 tal-Kodici Civili. Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva.[19]”*

[14] Ara xhieda a fol.18 tal-process.
[15] Ara xhieda a fol. 37 tal-process.
[16] Ara xhieda a fol. 53 tal-process. Rendikont taghhom hu ezebit bhala Dok CM1 a fol. 43 tal-process.
[17] Ara xhieda a fol.37 u fol.44 tal-process.
[18] Ara ukoll Dokument CM1 esebit a fol 43 tal-process.
[19] Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock vs Maltacom plc. Prim’Awla tal-Qorti Civili datat 9 ta’ Novembru, 2001 u Alf.Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. vs Dismar Co.Ltd., Prim’Awla tal-Qorti Civili datat 12

L-artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili jikkontempla l-preskrizzjoni ta' hames snin fuq *"l-azzjonijiet ghar-radd ta' flus moghtija b'self, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku."*

L-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili jikkontempla l-preskrizzjoni ta' hames snin ukoll fil-kaz ta':-

*"(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Wara l-emendi ricenti bl-Att VIII tal-2017, fir-rigward ta' dawn il-preskrizzjonijiet, il-legislatur dahhal rekwiziti godda stipulati fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, li ghal dak li hu rilevanti ghal dawn il-proceduri jippreskrivu hekk:

*"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccipuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

L-Artikolu 2160(1) ma jippreskrivix meta l-parti li teccepixxi din il-preskrizzjoni ghandha taghmel din id-dikjarazzjoni bil-gurament – hux wara li tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jew hix valida anki dikjarazzjoni li saret bil-gurament qabel giet sollevata tali eccezzjoni. Billi l-legislatur ma ghamel l-ebda distinzjoni bejn dawn iz-zewg sitwazzjonijiet, allura mhux lecitu ghal din il-Qorti li taghmel hija tali distinzjoni, u ghalhekk se tikkunsidra anki d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet li saru bil-gurament qabel issollevaw din l-eccezzjoni.

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut jinnega li hu ssellef l-ammont ta' LM2000 minghand l-atturi, u jghid l-atturi tawh din is-somma bhala hlas akkont ta' ammont ikbar (Lm4000), li kellhom jaghtuh, in konnessjoni man-negozju. Huwa jghid hekk *"Assolutament mhuwiex minnu dak li qalet l-attrici illi hija silfitni Lm2,000 biex nixtri karozza 'Opel' ghax kelli l-flus fissi fil-bank u ma ridtx nitlef l-imghax. ... ... (J)ien hadt dawn l-LM2,000 minghand l-atturi ghax kienu dovuti lili bhala parti mill-LM4,000 li kelli niehu u mhux ghax silfuhomli."*[20]

---

ta' Ottubru, 2004 u Baudry-Lacantineriee et Tissier fit-trattato Teorico Pratico di Diritto Civile Vo.XXVIII, "Della Prescrizione" Par. 712.

[20] Ara xhieda a fol. 36 tal-process.

Fid-dawl ta' din ix-xhieda tal-konvenut, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, r-rekwizit preskritt fl-Artikolu 2160(1) tal-Kodici Civili huwa sodisfatt.

Fil-kaz tal-attrici, fix-xhieda taghha hija ammettiet li l-konvenut kien silifha LM460 sabiex tixtri magna gdida ghal karozza taghha.[21] Ghalkemm fix-xhieda taghha, tidhol f'hafna dettall dwar in-negozju li kellha mal-attur, imkien f'din ix-xhieda ma tghid li l-ammont pretiz mill-konvenut fit-talba rikonvenzjonali tieghu ma hix dovuta, jew li ma tiftakarx jekk dawk l-ammonti gewx imhallsa. Konsegwentement, fil-konfront tal-atturi, ir-rekwizit preskritt fl-Artikolu 2160(f) tal-Kodici Civili – li huwa *sine qua non* biex l-azzjoni tal-preskrizzjoni tirnexxi - ma jistghax jitqies li gie sodisfatt, u ghalhekk l-eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni ser tigi michuda.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti se tikkunsidra biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ghat-talbiet attrici.

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili. It-talbiet attrici huma ibbazati fuq allegazzjoni ta' self li allegatament sar permezz ta' skrittura privata fl-1 ta' Novembru, 1995[22]. Din l-iskrittura tghid hekk *"Jiena Carmelo Micallef issellift Lm2000 (elfejn lira) minghand Rita Ciappara, minghajr imghax."* Din l-iskrittura hija iffirmata mill-attrici u mill-konvenut.

Il-konvenut jammetti li hu ha l-flus imsemmija f'din l-iskrittura, imma jsostni li hu ma hadhomx b'titolu ta' self, izda bhala hlas akkont ta' kreditu ta' Lm4000 li kienu dovuti lejh mill-atturi. Il-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu ta' tpacija,[23] li skont il-gurisprudenza tammonta ghal rinunzja tacita tal-eccezzjoni ulterjuri tieghu tal-preskrizzjoni.

Pero, l-Qorti trid tara minn meta beda jiddekorri it-terminu tal-preskrizzjoni kwinwennali. Kif intqal mill-Qorti fis-sentenza **Francis Aquilina vs David Aquilina pro et noe,** deciza fl-14 ta' Marzu, 2002, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili,[24] fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi anterjuri,

[21] Ara xhieda a fol. 18 tal-process.
[22] Ara fol.20 tal-process.
[23] Ara fol. 131 tal-process.
[24] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef.

irriteniet hekk:-*"ghal fini ta' preskrizzjoni, huwa z-zmien li fih kellu jsir il-hlas li jghodd u mhux id-data ta' meta s-self inholoq."*

Fil-kaz odjern, ghalkemm tirrizulta d-data ta' l-allegat self, ma tirrizultax id-data meta dan is-self kellu jithallas. L-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili jiddisponi hekk:
*" Jekk iz-zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jezegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista' jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin:*

(a) *jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentejn, jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha tingħata bl-imgħax"*[25]

Fl-iskrittura ta' self in kwistjoni hemm dikjarat espressament li l-flus qieghdin jigu mislufa minghajr imghax. Konsegwentement, dan l-allegat self kellu jithallas fi zmien sentejn mid-data ta' l-iskrittura u cioe sal-1 ta' Novembru 1997.

Il-proceduri odjerni gew intavolati fit-13 ta' Frar 2003, u ghalhekk wara li t-terminu preskrittiv ta' hames (5) snin mill-1 ta' Novembru 1997 meta l-flus kienu allegatament dovuti li jithallsu lura, kien skada. L-atturi ma ressqu l-ebda prova li t-terminu preskrittiv, gie sospiz jew interrott. Konsegwentement, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinwennali tal-konvenut ghat-talba attrici tigi milqugha.

*<u>Il-Meritu tal-Kontro-Talba</u>*

Fil-kontro-talba tieghu, il-konvenut qed jippretendi li l-atturi ghandhom ihallsuh:

1. Is-somma ta' Lm4000, rapprezentanti l-prezz patwit illi kellhom ihallsu l-atturi rikonvenzjonanti versu l-partecipazzjoni taghhom fin-negozju tal-esponent rikonvenzjonant, li minnhom l-konvenut jiddikjara li s-somma ta' Lm2000 giet pacuta

[25] Ara wkoll **Emanuel Bonello et vs Robert Eminyan et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (*per* Imhallef Tonio Mallia) fid-9 ta' Ottubru, 2003.

mas-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2000) mislufa mill-atturi lill-konvenut, u ghalhekk il-konvenut huwa kreditur tal-atturi fis-somma ta' Lm2000.

2. Lm950.00 li hu kien silef lill-atturi,

3. Is-somma ta’ Lm1,395,90, rapprezentanti diversi somom li hu kien silef lill-atturi tul medda ta’ snin.

L-atturi eccepew li l-ammont ta’ Lm4000, mhux dovut lill-konvenut, u ghalhekk ma tista’ ssir l-ebda tpacija. Fit-tieni lok qalu li huma qatt ma sselfu flus minghand il-konvenut fl-ammont pretiz minnu.

Sfortunatament, f’dawn il-proceduri, il-partijiet intilfu jressqu provi dwar id-diversi glied u piki li hemm bejniethom, u l-problemi tan-negozju li kellhom bi shab bejniethom, u naqsu li jressqu l-provi li kienu essenzjali ghal fini tal-mertu tal-proceduri odjerni.

Rigward l-ammont ta’ Lm4000 pretiz mill-konvenut sabiex l-atturi setghu jidhlu shab fin-negozju tieghu, il-konvenut stess xehed li ma giet iffirmata l-ebda skrittura privata bejn il-kontendenti f’dan is-sens.[26] Dak allegat mill-konvenut gie michud mill-attrici fix-xhieda taghha. Fin-nuqqas totali ta’ provi ohra, li setghu jikkorroboraw l-allegazzjoni tal-konvenut – bhal per ezempju l-kotba tal-kummerc – din l-Qorti ma tistghax tasal ghal konkluzjoni li l-konvenut ipprova din il-pretensjoni tieghu sal-grad rikjest fil-kamp civili. Konsegwentement, din il-pretensjoni tieghu ghal dan l-ammont se tigi michuda.

Il-konvenut jghid ukoll li hu silef l-ammont ta’ LM950.00 lill-atturi. Fix-xhieda tieghu jghid li l-pagament kien sar permezz ta’ cekk tal-imghax fuq kont li kellu f’bank Awstraljan, li kien iggira fuq l-attrici.[27] Il-konvenut ma jispjegax ghaliex kien iggira dan ic-cekk fuq l-attrici u/jew ghal liema skop l-attrici kellha tuzahom. Il-konvenut lanqas gab prova indipendenti ta’ dan, kif seta’ facilment jaghmel billi jezebixxi kopja tac-cekk iggirat fuq l-attrici u msarraf. F’dan l-istat tal-provi, anke din il-pretensjoni tieghu ghal dan l-ammont se tigi michuda.

---

[26] Ara xhieda a fol. 51 tal-process.
[27] Ara xhieda a fol. 37 tal-process.

Inoltre, l-konvenut jghid li l-atturi ghandhom ituh is-somma ta' Lm1395,90 u dan rapprezentanti self ta' diversi somom li hu sellef lill-attrici bejn Awwissu u Ottubru 1999, li ma kellhomx x'jaqsmu man-negozju.[28] Dawn id-diversi somom jinsabu ezebiti fi speci ta' prospett li l-attur ipprezenta, u fejn xi uhud minnhom jidher li hemm il-firma ta' Rita Ciappara[29] – u Rita Ciappara qatt ma allegat li l-firma mhix taghha.

Fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2006, il-konvenut xehed hekk dwar dawn il-flus: *"B'riferenza ghad-dokument Dok. CM1, dawn huma l-flus li jiena kont tajt lil Rita meta din Rita kien ikollha bzonn xi flus. Hemm id-dati rispettivi ta' meta tajt dawn il-flus. Dawn fil-fatt kienu flejjes moghtija personalment lil Rita u ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-hanut. Mistoqsi humiex donazzjoni jew self, l-ewwel nirrispondi illi la huma self u lanqas donazzjoni, pero wara ghidt illi dawn kellha taghtihomli lura. Fuq l-istess dokument tidher il-firma ta' Rita wkoll. ... ... Neskludi li dawk l-ammonti indikati fuq Dok C1* (recte CM1) *kienu gew moghtija lil Rita sabiex jithallsu s-suppliers. L-ammont li kien jigi mhallas lis-supplier, kont innizlu fil-ktieb, f'dawn id-diaries illi semmejt. Suppost illi dawn jitnizzlu f'dawn il-kotba, kienet tiehu hsieb Rita."*[30]

Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2009, il-konvenut xehed hekk: *"In rigward Rita Ciappara, l-flus jiena kont tajthomlha b'self, permezz ta' flus kontanti, oltre l-prospett dok CM1 fejn hemm indikat is-self li jien ghamilt lil Rita Ciappara, fid-diary m'hemm ebda entries ohra fid-diary m'hemm ebda entries ohra ulterjuri dwar l-istess self. Fid-diary jien nizzilt kollox mhux biss il-flus mislufin lil Rita Ciappara, izda anke per ezempju flus li jkunu marru l-bank, jirreferi ghan-negozju in kwisjoni in generali. Jekk fil-fatt entry fid-diary tkun self, jiena nkun nizzilt l-kelma self."*[31]

F'din ix-xhieda, il-konvenut manifestament jikkontradixxi x-xhieda precedenti tieghu li d-diaries kienet tiehu hsiebhom Rita u li kien fihom biss hlasijiet relatati man-negozju. Inoltre, fid-diary tal-1999 ezebit mill-konvenut[32] ma hemmx indikati xi ammonti moghtija b'self lill-attrici, wisq inqas, l-original tad-Dok CM1 li fih ir-rendikont tal-allegat self, li l-konvenut jghid li ta lill-attrici.

---

[28] Ara xhieda a fol. 53 tal-process. Rendikont taghhom hu ezebit bhala Dok CM1 a fol. 43 tal-process.
[29] Ara Dok CM1 a fol. 43 tal-process.
[30] Ara xhieda a fol. 52-53 tal-process.
[31] Ara xhieda ta fol. 81 tal-process.
[32] A fol. 74 tal-process.

Ta’ min jinnota wkoll li anke fl-ewwel xhieda tieghu, il-konvenut ma kienx cert jekk il-flus li ta lil Rita kienx taghhomlha bhala self jew bhala donazzjoni. Mix-xhieda tieghu, jidher li kien zmien wara – presubilment meta nqala l-inkwiet bejniethom – li ddecieda li jrid l-flus li kien taha lura, u allura ddecieda li kienu self. Pero wiehed irid jara l-intenzjoni tal-konvenut x’kienet fil-hin li hu ta l-flus lill-attrici. Mix-xhieda tieghu stess, jirrizulta li meta hu ta l-flus lill-attrici, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li dawn kien qed jaghtiholha b’self, donazzjoni jew xi ftehim iehor li dawn il-flus ghandhom jintraddu lura. Ghaldaqstant anke t-talba ghal dan l-ammont se tigi michuda.

Fl-ahharnett, il-Qorti tosserva li ghalkemm fix-xhieda taghha l-attrici ammettiet li hija kienet isselfet minghand il-konvenut is-somma ta’ LM460, biex tixtri magna gdida ghal karozza taghha, mill-kontro-talba tal-konvenut u mill-provi minnu prodotti, ma jirrultax li dan l-ammont hu wiehed mill-ammonti, jew jifforma parti minn wiehed mill-ammonti pretizi minnu f’dawn il-proceduri. Din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi entro l-parametri tat-talba, jew f’dan il-kaz il-kontro-talba kif proposti mill-kontendenti u l-provi minnhom migjuba fir-rigward.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u konsegwentement tiddikjara t-talba attrici preskritta;

2. tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-atturi rikonvenzjonati tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(e) u (f) tal-Kapitolu 16 ghall-kontro-talba tal-konvenut;

3. tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-atturi rikonvenzjonati ghall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant;

4. konsegwentement tichad it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant fejn talab li l-atturi rikonvenzjonanti jigu ikkundannati li jhallsuh is-somma ta' erbat elef, tlett mija u hamsa u erbghin Lira Maltija u disghin centezmu (Lm4,345.90) – ekwivalenti ghal ghaxart elef, mija tlieta u ghoxrin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€10,123.22).

5. Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha in konnessjoni ma dawn il-proceduri.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**